MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 148/2012

**A B**
**vs**
**C D u b'digriet tad-9 ta' Novembru 2012 Dr. Joseph Ellis u l-Prokutatur Legali Joanna Dingli gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil E F; Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tal-21 ta' Frar 2013 giet kjamata in kawza l-minuri G F D u b'digriet tat-22 ta' Mejju 2013 l-istess konvenuta C D giet nominata kuratrici ad litem tal-minuri.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur A B ipprezentat fis-26 ta' Gunju 2012 li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-attur A B kellu relazzjoni intima mal-konvenuta C D mill-liema relazzjoni twieldet il-minuri G F D nhar it-18 ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012);

2. Illi kif jirrizulta mic-Certifikat tat-Twelid li jgib in-numru progressiv ta' registrazzjoni 354/2012 li qieghed jigi esebit, anness u mmarkat Dok. 'A', fil-18 ta' Jannar 2012, il-konvenuta weldet tarbija ta' sess femminili bl-isem ta' G F D u l-attur sar jaf b'dan ghaliex kienet il-konvenuta stess li nfurmatu bit-twelid tal-wild;

3. Illi fl-istess perjodu meta l-attur A B u l-konvenuta C D kellhom din ir-relazzjoni, l-istess konvenuta kienet mizzewga lill-konvenut E F;

4. Illi matul il-perjodu kollu li fih l-attur u l-konvenuta C D kellhom relazzjoni ghaddejja bejniethom, il-konvenuta kienet ilha sa minn hafna snin qabel li telqet lil konvenut E F u kienet tghix esklussivament ma' l-attur;

5. Illi madanakollu, fuq l-Att tat- Twelid tal-minuri G, il-missier gie registrat b'isem E F, hekk kif jidher minn kopja ta' l-estratt ta' l-Att tat-Twelid, hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. 'A', u dan ai termini ta' l-Artikolu 280 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi tenut kont dak kollu hawn fuq premess, jirrizulta car illi l-minuri G ma kinitx tippossjedi stat ta' filjazzjoni in konfomita' ma' l-Att tat- Twelid taghha;

7. Illi l-attur permezz ta' din il-kawza qieghed jitlob sabiex tigi sostitwita l-parti fejn tindika "E F" u tigi mibdula biex tindika lil attur bhala l-rnissier bilogiku tal-minuri G F D;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara illi l-minuri G hija effettivament wild l-attur u l-konvenuta;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffettwa d-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 354/2012 tal-minuri G, fis-sens illi taht il-kolonna fejn hemm indikat isem il-missier, l-isem 'E F' jigi sostitwit bl-isem 'A B', kif ukoll jigu nkluzi l-konnotati ta' l-attur fuq l-imsemmi Att fil-parti fejn taqra: "Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija”, "Professjoni, sengha jew stat iehor" , "eta’", "fejn twieled", "fejn joqghod", u "isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet" u kull dettal iehor li tordna din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta’ dokumenti tal-attur.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku pprezentata fil-21 ta’ Dicembru 2012 li permezz taghha issottometta s-segwenti:-

1. Illi fl-ewwel lok huwa indispensabbli ghall-integrita tal-gudizzju li tigi msejha fil-kawza l-minuri G F D u li ghandha tkun debitament rapprezentata minn kuratur jew tutur mahtur mill-Qorti;

2. Illi l-esponent jirrileva li, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita’ tal-minuri G F D, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi bla hsara ghal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrent jrid jipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri G F D, l-intimata C D kellha relazzjoni extramaritali mal-attur A B u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor li jista’ wkoll ikunu testijiet u provi genetici li jeskludu lir-ragel tal-intimata, E F, bhala l-missier naturali tal-imsemmiha minuri G F D, u dan ai termini tal-artikolu 77A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrent jrid fl-istess waqt jeghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement juri li l-pussess ta' stat tal-minuri G F D ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha;

5. Illi dejjem bla hsara ghal dak fuq premess, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent jinvita lill-istess A B sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-eta’ tieghu meta twieldet il-minuri G F D, (2) il-post tat-twelid tieghu, (3) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet l-imsemmija minuri, (4) isem u kunjom ta' missieru u (5) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet t-tifla G F D. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita G F D;

6. Illi subordinatament, dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem E F, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghirif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Atti tat-Twelid bin-numru tar-registrazzjoni 354/2012;

7. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u ghalhekk huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur konvenut.

Rat id-digriet tal-21 ta’ Frar 2013 li permezz tieghu giet kjamata in kawza l-minuri G F D.

Rat id-digriet tat-22 ta' Mejju 2013 li permezz tieghu il-konvenuta C D giet nominata kuratrici ad litem tal-minuri G F D.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati ghall-assenti E Fipprezentata fit-23 ta' Awwissu 2013 li permezz taghha iddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz u irrizervaw li jipprezentaw eccezzjonijiet formali fi stadju ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-attur  fejn ipprezenta dettalji personali tieghu;

Rat l-affidavits prezentati;

Rat l-atti kollha;

Rat li fis-seduta tal-15 ta' Ottubru, 2013 l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla G F D  li twieldet fit-18 ta' Jannar 2012 u li fl-att tat-twelid taghha bin-numru 354/2012 giet registrat bhala bint il-konvenut E F, ir-ragel tal-konvenuta C D, hija fil-fatt bint l-attur.

**Provi**

Jirrizulta mill-provi illi l-attur kellu u ghadu f'relazzjoni esklusiva u fit-tul mal-konvenuta C D li matulha tnisslet u twieldet il-konvenuta il-minuri G fit-18 ta' Jannar 2012. Il-konvenuta tghid li kellha ghoxrin sena meta izzewget lil E F u dan iz-zwieg ma rrnexiex u wara ftit infirdu.

Meta l-attur u l-konvenuta marru jirregistraw lil binthom, it-tifla kellha tigi  registrata bhala bint il-konvenut E F u giet moghtija kunjomu, oltre kunjom ommha u cioe' D, peress

li l-konvenuta C D kienet tidher li hija mizzewga lill E F u mhux minnu separata.

Il-'Paternity Test Report' redatt minn Dr Marisa Cassar jiccertifika li l-probabilita' li l-attur Aander B huwa l-missier naturali tal-minuri G F D hi ta' 99.9999%;

**Konsiderazzjonijiet**

Fl-ewwel lok jirrizulta li l-kawza giet intavolata fit-terminu legali dettat mill-**Artikolu 77A tal-Kapitolu 16** li jipprovdi illi;

"*Kull min jghid li huwa l-missier naturali ta' tifel mwieled fiz-zwieg, jew il-werrieta tieghu, jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled it-tifel, jista jmexxi b'rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra l-mara, ir-ragel u t-tifel, jew il-werrieta rispettivi taghhom jekk xi hadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jigi dikjarat bhala l-missier naturali tat-tifel u dan jekk kemm–il darba huwa jirnexxilu jipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel il-mara kienet wettqet adulterju mieghu u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor li jista; wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jeskludu lir-ragel taghha bhala l-missier naturali tat-tifel."*

L-azzjoni odjerna ghandha l-fondament legali taghha fit-terminu tal-**Artikolu 77C tal-Kapitolu 16** li jipprovdi illi:-

"*F'kazijiet ta' dikjarazzjoni ta' paternita' il-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieg, jew il mara skont il-kaz, jistghu jipproocedu b'kawza ghal dikjarazzjoni ta' paternita jekk huma jressqu r-rikors guramentat taghhom fi zmien sitt xhur mit-twelid tat-tifel:*

*Izda l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tista' wara li jsir rikors mill-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieg jew mill-mara u, jekk ikun possibli wara lt tkun semghet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tat-tifel, f'kull zmien tawtorizza*

*lill-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieg jew lill-mara biex jibdew kawza ghal dikjarazzjoni ta' paternita kif imsemmi fl-artikoli 77A u 77B*"

Una volta l-azzjoni promossa mill-attur hija intiza sabiex tbiddel radikalment il-kontenut ta' att tat-twelid, il-Qorti hija fid-dover timxi b'kawtela kbira stante li l-akkoljiment ta' talba ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' twassal ghal krejazzjoni ta' qaghda guridika gdida ghall-minuri in sostituzzjoni ta' dik attwali.

Sabiex l-azzjoni imsejsa fuq l-artikolu 77A u 77C fuq citat tirnexxi jehtieg illi jigu sodisfatti is-segwenti rekwiziti:-

1. L-azzjoni promossa mill-attur tigi istitwita entro sitt xhur mit-twelid tat-tarbija.  B'dan il-mod ma jkunx mehtieg li qabel jottjeni l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex ikun jista' jistitwixxi tali kawza.

2. Ir-rikors guramentat jigi istitwit kontra (a) il-mara, (b) ir-ragel taghha u (c) il-wild taghha jew kuraturi jekk hu minorenni.

3. Trid issir il-prova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tarbija, l-mara kienet wettqet adulterju u barra minn hekk trid issir il-prova, li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jeskludu lir-ragel bhala l-missier naturali tat-tifel.

Mill-atti jirrizulta li r-rekwiziti kollha huma sodisfatti.  Gie sodisfacentement ippruvat illi l-minuri hija bint l-attur.

**Decide.**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-minuri G hija bint l-attur Aander B u l-konvenuta C D u mhux bint il-konvenut E F;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffettwa d-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 354/2012 tal-minuri G, fis-sens illi taht il-kolonna fejn hemm indikat isem il-missier, l-isem 'E F' u l-konnotati kollha tieghu jigu kancellati u sostitwiti bl-isem 'Aander B' u l-konnotati kollha tieghu kif jirrizultaw min-nota ta’ l-attur ezebita a fol. 49 tal-process.

3. Tordna li mic-certifikat tat-twelid tal-konvenuta minuri jigu kancellati l-kliem “the said”.

Bl-ispejjez kontra l-attur u l-konvenuta C D in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------